

32006D0595

L 243/44

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

6.9.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**ta' l-4 ta' Awwissu 2006****li tfassal lista tar-reġjuni li huma eliġibbli għall-iffinanzjar mill-Fondi Strutturali skond l-objettiv tal-Konverġenza għall-perijodu 2007-2013**

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3475)

(2006/595/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ⁽¹⁾ tal-11.07.2006 li jstipula dispożizzjonijiet ġenerali għall-Fond ta' Żvilupp Reġjunali Ewropew, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond tal-Koeżjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) u 8(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 l-objettiv tal-Konverġenza jimmira lejn ħeffa għall-proċess tal-konverġenza ta' l-Istati Membri u r-reġjuni inqas żviluppati.
- (2) Skond l-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ir-reġjuni eliġibbli għall-iffinanzjar mill-Fondi Strutturali skond l-objettiv tal-konverġenza għandhom ikunu reġjuni li jikkorrispondu għal-livell II tan-Nomenklatura ta' l-Unitajiet Statistiċi Territorjali (minn hawn jissejħu "NUTS livell II") fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ tas-26 ta' Mejju 2003 li l-prodott gross domestiku tagħhom per capita (GDP), imkejjeffil-paritajiet tal-kapaċità għall-infiq u kkalkulat skond bażi tal-figuri Komunitarji għall-perijodu 2000-2002, ikun inqas minn 75 % tal-medja tal-GDP għall-25 fl-UE għall-istess perijodu ta' referenza.
- (3) Skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 jispeċifika li ir-reġjuni fin-NUTs livell II li setgħu kienu eliġibbli għall-istatus ta' l-objettiv tal-konverġenza skond l-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament

kieku l-limitu ta' l-eliġibbiltà seta' baqa' 75 % tal-medja tal-GDP għall-15 fl-UE, iżda li jtitlifu l-eliġibbiltà minħabba li l-livell nominali tal-GDP tagħhom per capita ser ikun ogħla minn 75 % tal-medja tal-GDP għall-25 fl-UE, li jitkejjel u li jiġi kkalkulat skond l-istess Artikolu 5(1), huma wkoll eliġibbli, fuq bażi tranżizzjonali u speċifika, għall-iffinanzjar mill-Fondi Strutturali skond il-objettiv "tal-konverġenza."

- (4) Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita lista tar-reġjuni eliġibbli kif jixraq,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-reġjuni eliġibbli għall-iffinanzjar mill-Fondi Struttura skond l-objettiv tal-Konverġenza għandhom jiġu elenkati fl-Anness I.

Artikolu 2

Ir-reġjuni eliġibbli għall-iffinanzjar mill-Fondi Strutturali skond l-objettiv tal-Konverġenza fuq bażi tranżizzjonali u speċifika, kif jissemma fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, għandhom jiġu elenkati fl-Anness II.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 4 Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni

Danuta HÜBNER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

⁽²⁾ ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1.

ANNEX I

Lista tar-reġjuni NUTS II eliġibbli għall-iffinanzjar mill-Fondi Strutturali skond l-objettiv tal-Konverġenza għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013

CZ02	Střední Čechy	LT00	Lietuva
CZ03	Jihozápad	HU21	Közép-Dunántúl
CZ04	Severozápad	HU22	Nyugat-Dunántúl
CZ05	Severovýchod	HU23	Dél-Dunántúl
CZ06	Jihovýchod	HU31	Észak-Magyarország
CZ07	Střední Morava	HU32	Észak-Alföld
CZ08	Moravskoslezsko	HU33	Dél-Alföld
DE41	Brandenburg – Nordost	MT00	Malta
DE80	Mecklenburg-Vorpommern	PL11	Łódzkie
DED1	Chemnitz	PL12	Mazowieckie
DED2	Dresden	PL21	Małopolskie
DEE1	Dessau	PL22	Śląskie
DEE3	Magdeburg	PL31	Lubelskie
DEG0	Thüringen	PL32	Podkarpackie
EE00	Eesti	PL33	Świętokrzyskie
GR11	Anatoliki Makedonia, Thraki	PL34	Podlaskie
GR14	Thessalia	PL41	Wielkopolskie
GR21	Ipeiros	PL42	Zachodniopomorskie
GR22	Ionia Nisia	PL43	Lubuskie
GR23	Dytiki Ellada	PL51	Dolnośląskie
GR25	Peloponnisos	PL52	Opolskie
GR41	Voreio Aigaio	PL61	Kujawsko-Pomorskie
GR43	Kriti	PL62	Warmińsko-Mazurskie
ES11	Galicia	PL63	Pomorskie
ES42	Castilla-La Mancha	PT11	Norte
ES43	Extremadura	PT16	Centro (PT)
ES61	Andalucía	PT18	Alentejo
FR91	Guadeloupe	PT20	Região Autónoma dos Açores
FR92	Martinique	SI00	Slovenija
FR93	Guyane	SK02	Západné Slovensko
FR94	Réunion	SK03	Stredné Slovensko
ITF3	Campania	SK04	Východné Slovensko
ITF4	Puglia	UKK3	Cornwall and Isles of Scilly
ITF6	Calabria	UKL1	West Wales and The Valleys
ITG1	Sicilia		
LV00	Latvija		

ANNEX II

Lista tar-reġjuni NUTS II eliġibbli għall-iffinanzjar mill-Fondi Strutturali fuq bażi tranżizzjonali u speċifika skond l-objettiv tal-Konverġenza għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013

BE32	Prov. Hainaut
DE42	Brandenburg – Südwest
DE93	Lüneburg
DED3	Leipzig
DEE2	Halle
GR12	Kentriki Makedonia
GR13	Dytiki Makedonia
GR30	Attiki
ES12	Principado de Asturias
ES62	Región de Murcia
ES63	Ciudad Autónoma de Ceuta
ES64	Ciudad Autónoma de Melilla
ITF5	Basilicata
AT11	Burgenland
PT15	Algarve
UKM4	Highlands and Islands
